3 ta' Ottubru 2018
104/2018

**KUMMISSJONI DOTTRINALI ĠDIDA FI ĦDAN IL-KONFERENZA EPISKOPALI MALTIJA**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna waqqaf il-Kummissjoni Dottrinali fi ħdan il-Konferenza Episkopali Maltija, u ħatar lil Mons. Hector Scerri bħala president ta' din il-kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin.

Il-Kummissjoni Dottrinali ser tagħti l-kontribut tagħha f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet marbuta mal-fidi u l-moralità Nisranija, u twassal ir-riflessjoni tagħha lill-Isqfijiet. Bil-pariri tagħha, il-Kummissjoni Dottrinali ser tgħin ukoll lill-Konferenza Episkopali fit-tħejjija ta' dokumenti li jgħinu lill-poplu f'Malta u Għawdex fuq diversi aspetti tal-fidi Nisranija.

Il-membri tal-Kummissjoni huma Rev. Prof. Joe Agius OP, Rev. Christopher Caruana OP, Dr Nadia Delicata, Rev. Dr Jonathan Farrugia, Rev. Dr Richard-Nazzareno Farrugia u Dr Edward Warrington.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**